# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Novembru, 2021**

Avviz tat-Talba numru: **78/2021**

**SIMONDS FARSONS CISK PLC**
[REG. NRU. C-113]

***VERSUS***

**MASSIMO LOVEGROVE**
[K.I. NRU. 201473M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-2 ta' Marzu, 2021 fejn l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett elef, tnejn u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin centezmi (€3,022.43c) rapprezentanti prezz ta' merca li giet mibjugha u konsenjata lill-konvenut, hekk kif deskritt fl-Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez u drittijiet ta' dawn il-proceduri, dawk marbuta ma' ittra ufficjali bin-numru 79/2021 minnha emessa kontra l-konvenut u kif ukoll l-imghaxxijiet legali fuq l-ammont ta' sorte domandat.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu (jew xi difensur ghalih) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda*."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis*."

Minn qari ta' din ic-citata disposizzjoni, jidher li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal gurnata ohra sabiex jisma' lill-parti mharrka f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

Fil-kaz prezenti, u hekk kif registrat fl-udjenza ta' l-1 ta' Novembru, 2021 (*a fol*. 20), il-konvenut gie debitament notifikata bl-atti processwali. Cionostanti tali notifika, il-konvenut la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu quddiem it-Tribunal fl-udjenza appena msemmija li kienet tmiss wara n-notifika lilu ta' l-atti u, addirittura, lanqas ma deher xi rapprezentant legali tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici fl-udjenzi sussegwenti. Tali konvenut, ghalhekk, kien gie dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza ta' l-1 ta' Novembru, 2021.

It-Tribunal ha kont ta' dak li afferma bil-gurament rapprezentant tal-kumpannija attrici fl-udjenza ta' l-1 ta' Novembru, 2021 fejn stqarret hekk: "*Dehret Rita Gatt fil-kapacita' taghha ta' Credit Control Executive fi hdan is-Socjeta' Attrici, illi wara li giet somministrata l-gurament mit-Tribunal, ikkonfermat bil-gurament taghha illi s-Socjeta' Attrici kienet u ghadha kreditrici fil-konfront tal-Konvenut fl-ammont ta' EUR3,022.43, u li sal-gurnata prezenti, dan l-ammont ghadu interament dovut, u li fil-mori ta' dawn il-proceduri l-ebda hlas akkont tal-imsemmi ammont ma sehh mill-Konvenut u/jew minn terzi ghan-nom tieghu. Ghal kull bwon fini, l-istess Rita Gatt, fil-kapacita' premessa, ikkonfermat bil-gurament taghha id-dokumentazzjoni mehmuza mal-Avviz tat-Talba li huma ezebiti minn fol.2 sa fol.8.*" (ara *a fol*. 21).

Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mill-attrici – u anke bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak domandat mill-attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan.

Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal, ezaminati l-istess fil-kwadru probatorju intier, ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba ta' l-attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-istess attrici is-somma ta' tlett elef, tnejn u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin centezmi (€3,022.43c), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mit-2 ta' Marzu, 2021 (li hi d-data ta' l-intavolar ta' din il-kawza) li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri u kif ukoll dawk konnessi ma' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar, 2021 (bin-numru 79/2021) huma kollha a kariku tal-konvenut.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*